Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,344, 12 ta' Ottubru, 1990
Taqsima B

A.L. 160 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għad-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għad-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni, u jgħoddu biss għall-kors li beda fl-1987.

REGOLAMENTI GĦAD-DIPLOMA FL-AMMINISTRAZZJONI U FIT-TMEXXIJA TA' L-EDUKAZZJONI

(Igħoddu biss għall-kors li beda fl-1987)

1. **Id-Dħul**

1.1 Biex ikun jista' jingħata d-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni kandidat irid:

(a) ikun ġie reġistrat bħala student 'part-time' fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni għal mhux inqas minn sentejn;

(b) ikun temm il-programm ta' l-istudju;

(ċ) ikun issodisfa l-kriterji relevanti tal-valutazzjoni;

(d) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha msemmija fir-Regolamenti u fl-Ordinamenti relativi.

2. **Ir-Reġistrazzjoni**

2.1 Kandidat jista' jiġi reġistrat bħala student 'part-time' fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni jekk jissodisfa r-rekwiżiti tad-dħul għad-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni skond kif jingħad fl-Ordinamenti.

3. **Il-Programm tal-Kors**

3.1 Dan il-kors 'part-time' fil-għaxija jinfirex fuq sentejn.

3.2 Il-programm ta' l-istudju jkun magħmul minn 30 unità ta' studju li lil kull waħda jingħata kredtu. Katalgu ta' l-unitajiet ta' studju u tal-kredti mogħtija għal kull unità jkun sottomess mill-Bord tal-Fakultà lis-Senat għall-approvazzjoni.

3.3 L-oqsma ewlenin tal-kors huma magħmulin minn dawn:

(a) Perspettivi Teoretiċi għall-Istudju ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Edukazzjoni.

(b) Il-Pjanifikazzjoni u t-Tmexxija ta' Istituzzjonijiet Edukattivi.

(ċ) Xejriet kurrenti fit-Teoriji u fil-Prattika ta' l-Edukazzjoni.

3.4 il-Bord tal-Fakultà jista' jistabilixxi liema unitajiet ta' studju kandidat jista' jieħu biex itemm il-programm tal-kors.

4. **Iċ-Ċertifikazzjoni**

4.1 Il-kandidati li jtemmu l-kors b'suċċess jingħataw id-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni.

5. **L-Ordinamenti**

5.1 Ordinamenti għall-għan ta' dawn ir-regolamenti jsiru mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni biex ikunu approvati mis-Senat.

6. **Applikazzjoni**

6.1 Dawn ir-regolamenti jgħoddu biss għall-kors li beda fl-1987.